# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 23 ta' Mejju, 2017**

**Talba Nru: 589/2016 PM1**

**Muracel Limited**
**(C 48673)**

**Vs**

**Shawakh Kasem (K.I. 33412(A)) f'ismu proprju kif ukoll in rapprezentanza tas-socjeta` kummercjali Syria Sim Company Limited (C43115)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-15 ta' Dicembru, 2016 illi l-konvenuti ghandhom ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn tlett mija u tletin euro u sitta u ghoxrin centezmi (€2330.26) rapprezentanti bilanc dovut fuq il-fatturi bin-numru INV 0221 u INV 0222 rispettivament u dan ghar-rigward ta' diversi fornituri ta' materjal ta' kisi, tibjid u tikhil fornuti lill-istess intimati oltre l-imghaxijiet mid-data tal-istess fatturi sad-data tal-effettiv pagament, bl-ispejjez kollha tal-prezenti inkluzi dawk tal-ittra ufficjali mahruga ai termini tal-art. 166A tal-Ligijiet ta' Mlta datat 5 ta' Marzu, 2013 (ittra Nru 506/2013) u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv.

Illi l-konvenuti gew debitament ingunti in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deheru ghas-seduta tas-16 ta' Mejju, 2017 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici fis-seduta tas-16 ta' Mejju, 2017 u fil-fatt il-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrispondu ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-istess socjeta' attrici is-somma ta' ta' elfejn tlett mija u tletin euro u sitta u ghoxrin centezmi (€2330.26) rapprezentanti bilanc dovut fuq il-fatturi bin-numru INV 0221 u INV 0222 rispettivament u dan ghar-rigward ta' diversi fornituri ta' materjal ta' kisi, tibjid u tikhil fornuti lill-istess intimati oltre l-imghaxijiet mid-data tal-istess fatturi sad-data tal-effettiv pagament, bl-ispejjez kollha tal-prezenti procedura inkluzi dawk tal-ittra ufficjali mahruga ai termini tal-art.166A tal-Ligijiet ta' Malta u datata 5 ta' Marzu, 2013 (ittra Nru 506/2013) u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess intimati.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**